

# *Tieqa fuq Ħal Qormi ta' mitt sena ilu - Il-mezzi ta' trasport*

Is-Sur Joseph Bugeja

F'dawn l-aħħar mitt sena pajjiżna ra tibdil kbir. Dan it-tibdil kien biss possibbli grazzi għall-iżvilupp fil-qasam tat-trasport fil-gżejjer tagħna. F'dan l-artiklu ser nagħti ħarsa lejn il-mezzi tat-trasport li kienu jeżistu fis-sena 1915 kif ukoll ġrajjiet marbuta magħhom kif imniżżla fil-kotba tal-okkorrenzi tal-Pulizija ta' dik is-sena.

**Trasport Privat:** Il-karrettuni kienu għal dak iż-żmien dak li t-trakkijiet u l-karozzi huma llum. It-toroq ta' pajjiżna, mhux anqas it-toroq ta' Ħal Qormi kienu jkunu miżgħuda b'dawn il-karrettuni; min għaddej iġorr il-ġebel, min bil-ħaxix u mitt elf ħaġa oħra. Għalhekk, mhux sorprendenti li dak iż-żmien ukoll kien hawn ċertu regoli rigward is-sewqan tal-karrettuni u kienu ħafna dawk li kienu jiddubbaw taħrika għax kienu qed isuqu ħażin. Bħalma llum jekk filgħaxija ssuq il-karozza tiegħek mingħajr dawl tista' teħel ċitazzjoni, hekk ukoll mitt sena ilu kull min filgħaxija kien jgħaddi mit-toroq mingħajr lanterna tixgħel kien jiġi mħarrek. Hekk ġralu Giovanni Zahra waqt li kien għaddej bil-karrettun tiegħu fi strada Vallone[1]. Karmenu Abela (Tal-Balzani) min-naħa tiegħu kien iddobba ċitazzjoni għaliex kien għabba l-karrettun tiegħu żżejjed bil-ġebel u mingħajr il-prekawzjonijiet tas-sigurtà[2]. Il-problema tal-parkeġġ kienet teżisti wkoll dawk iż-żminijiet. Kull min kellu karrettun kien obbligat li, jew idaħħlu fir-remissa tiegħu jew jekk m'għandux remissa seta' jħallih barra basta jagħmillu lanterna miegħu. Ir-residenti ta' Strada Rossa, jekk dan ma kienux jafuh, żgur saru jafuh nhar id-29 ta' Marzu 1915, meta waqt ir-ronda l-pulizija ħarġet xejn anqas minn tlett taħrikiet[3].

**Trasport Pubbliku:** Il-karozzini kienu l-ekwivalenti tat-taksi tal-llum. Ħarsa lejn ir-reġistri tal-pulizija wieħed isib xejn anqas minn 25 persuna minn Ħal Qormi li kellhom il-liċenzja tal-karozzin. Dawn kienu Salvatore Abela (Tal-Balzani), Spiridione Cilia (Taċ-Ċiċ), Giovan Attard (Ta' Graziol), Emmanuele Caruana (Ta' Inċies), Paolo Bugeja (Tal-Ħaddied), Antonio Said (ta' Lonz), Calogero Laura (Tat-Taliana), Karmenu Schembri (Ta' Mastru), Carmelo Gatt (Ta' Tappett), Giuseppe Azzopardi (Tal-Guvni), Filippo Abela (Ta' Feliċa), Lorenzo Pace (Tal-Qagħaq), Salvu Portelli (Ta' Sarginett), Poalo Cucciardi (Tal-Ispons), Giuseppe Gatt (Tal-Misħut), Gio Maria Zammit (Tal-Gaftu), Giorgio Spiteri (Ta' Fajjenza), Gaetano Borg (Tan-

Nemes), Giorgio Cauchi (Ta' Gabriel), Salvu Bonnici, Karmenu Cauchi (Tal-Kantura), Giuseppe Apap, Giorgio Muscat (Tad-Dakkar), Gio Maria Borg (Ta' Karmni) u Gio Maria Cutajar (Taż-Żebbiegħ)[4]. Is-sewwieqa tal-karozzini barra l-obbligu li jħallsu l-liċenzja, kellhom ukoll l-obbligu li jwaħħlu in-numru tal-liċenzja mal-lasta tal-karozzin.



*Xellug - ritratt tal-linji tat-tramm fuq tal-pont ta' Ħdejn l-Erba' Qaddisin*



*Lemin - ritratt ta karozzin għaddej minn fuq il-pont li minn Ħal Qormi jagħti għat-telgħa tal-Ingieret*

Lejn tmiem is-seklu dsatax il-karozzini kellhom jibdew jiffaċċjaw il-kompetizzjoni mis-servizz tat-tramm. Dan is-servizz kien bejn il-Belt u Ħaż-Żebbuġ u kien jgħaddi minn Ħal Qormi minn wara l-knisja ta' San Sebastjan. L-introduzzjoni tat-tramm jidher li bdiet tolqot fil-laħam il-ħaj lis-sidien tal-karozzini hekk li mhux l-ewwel darba li kien hemm atti ta' vandaliżmu. Hekk ġara nhar il-25 ta' Settembru 1915, meta s-supretendent tal-azjenda tat-tramm irrapporta li kienu ntefgħu ġebel fuq il-linja tat-tramm bejn il-Ħamrun u Ħal Qormi[5]. Inċident ieħor seħħ fl-istess ġurnata meta tliet żgħażagħ li kienu mxabbtin ma' wara tat-tramm tefgħu l-ġebel lejn il-kondutur tat-tramm Antonio Mangion. Wieħed mis-sewwieqa tat-tramm fuq il-linja ta' Ħal Qormi kien Emmanuele Mifsud. Dan Mifsud kien involut f'inċident naqra ikrah meta t-tramm li kien qed isuq laqat karrettun bil-bagħal f'Via Żebbug[6]. Barra l-vandaliżmu, s-servizz tat-tramm fuq il-linja ta' Ħal Qormi kien isofri minn problema oħra, dik tas-serq. Mhux l-ewwel darba li l-fili elettriċi tar-ram kienu jinsterqu u l-linja tat-tramm kienet tkun sospiża sakemm jerġgħu jitwaħħlu linji oħra.

Noti

1. NAM POL 2. Okkorenza Nru 927, 12.iii,1915
2. NAM POL 2, Okkorrenza Nru 518, 29.ix.1915
3. NAM POL 2, Okkorrenzi Nru 981-983, 29.iii.1915
4. NAM POL 2, Okkorrenzi Nru 726-748, 11.i.1915
5. NAM POL 2, Okkorrenza Nru 498, 25.ix.1915
6. NAM POL 2, Okkorrenza Nru 59, 24.iv.1915